# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 64

Data tal-laqgħa: 19 ta' Frar, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar 2019 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi 6.36p.m. |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**64/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**64/01/01** Ma kienx hemm.

**64/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 62 u 63**

**64/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**64/02/02** **Para 62/02/02:** Is-Sindku qal li s-Sur Salvu Fenech lesta x-xogħol fuq is-saqaf tal-gazebo ta' Ġnien il-Paċi.

**64/02/03** **Para 62/02/03:** Is-Sindku qal li l-*information panel* kważi lesta, jonqos biss xi tibdiliet żgħar fid-disinn.

**64/02/04** **Para 62/02/04:** Is-Sindku spjega li l-*fence* u *welding* li kellu jagħmel il-Muzzan fi Triq Għaxqet l-Għajn saru.

**64/02/05** **Para 62/02/05:** Is-Sindku spjega li l-grada ġdida fi Ġnien il-Paċi saret u ġiet tajba.

**64/02/06** **Para 62/02/06:** Is-Sindku qal li beda x-xogħol fuq it-toqob li ħa jsiru fi Triq San Ġwann, Triq San Bert u Triq Għaxqet l-Għajn (ħdejn id-Duluri).

**64/02/07** **Para 62/02/07:** Is-Sindku nforma li l-Perit tal-Kunsill kiteb lil ENEMALTA plc peress li wara li sar ix-xogħol min-naħa tagħhom, mit-triq/bankina qed jidħol ħafna ilma f'residenza fi Triq Stiefnu Zerafa. L-ENEMALTA plc ċaħdet b'mod kategoriku. Is-Sindku qal li għandna żewġ għażliet, li resident ifittex lil ENEMALTA plc legalment jew li l-Kunsill jixtri l-materjal u l-bankina terġa'

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

ssir mill-ġdid mir-resident. Kien hemm qbil unanimu li SE tinforma lir-resident b'dawn iż-żewġ għażliet.

**64/02/08** **Para 62/02/09:** Is-Sindku nforma li *National Literacy Agency* tat 52 ktieb ġdid għal-librerija miftuħa (fi Ġnien il-Paċi).

**64/02/09** **Para 62/02/12:** Is-Sindku nforma li saru l-livelli ta' Sqaq ix-Xgħajrat.

**64/02/10** **Para 62/02/13:** Is-Sindku spjega li l-Kunsill sal-lum ma rċieva xejn fuq il-permess ta' GP Borg (Triq tal-Balal).

**64/02/11** **Para 62/02/14:** Is-Sindku qal li d-dawl tal-bozza tal-fanal LED waslu. Żid jgħid li fil-qalba tar-raħal għandhom jintużaw bozoz antiki biex inżommu stil wieħed.

**64/02/12** **Para 62/02/19:** Is-Sindku nforma li kemm il-*crash barrier* kif ukoll il-*bollard* tal-ħadid għal mal-koxxa tal-knisja saru.

**64/02/13** **Para 62/02/21:** Is-Sindku nforma l-Kunsill li trid issir tabella ta' *No Parking* fi Triq Katerina Sammut sabiex ir-residenta jkollha aċċess għal garaxx.

**64/02/14** **Para 62/02/26:** Is-Sindku nforma li l-Kunsill qabel li ssir pressjoni sabiex il-*boundary wall* ta' Triq San Bartilmew k/m Triq l-Isqof Gargallo jersaq 'il ġewwa. Iz-*zebra crossing* temporanja li saret fi Triq San Bartilmew ma tistax titneħħa għax saret bħala miżura ta' sigurtà.

**64/02/15** **Para 62/03/03:** Is-Sindku reġa' fakkar lill-Kunsillieri sabiex jiktbu artiklu kull wieħed għal fuljett ta' Marzu.

**64/02/16** **Para 62/03/04:** Is-Sindku nforma li l-Kunsill li l-laqgħa rigward l-attività ta' Ħadd il-Palm ħa ssir nhar l-Erbgħa, 6 ta' Marzu 2019 fis-2:00p.m.

**64/02/17** **Para 62/05/06:** Is-Sindku qal li minn April li ġej is-servizz ta' Trasport Pubbliku ser jiġi ċirkolari.

**64/02/18** **Para 62/05/24:** Is-Sindku nforma li Kunsill għamel kuntatt mal-ENEMALTA plc sabiex l-arbli tad-dawl li hemm fi Sqaq il-Qiegħed u li qegħdin fi propjetà privata jiġu fit-triq.

**64/02/19** **Para 62/05/26:** Is-Sindku spjega li saret *site-visit* u l-bankina ta' ħdejn 13, Triq Mons. Luigi Catania għadha fi stat tajjeb.

**64/02/20** **Para 62/05/31:** Is-Sindku nforma li żewġ tabelli [Għargħur] waħda f'Birguma Bypass u l-oħra fit-telgħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq saru.

**64/02/21** **Para 62/06/01:** Is-Sindku qal li dalwaqt ser tinħareġ offerta ġdida għat-Tabelli u Sinjali ta' Traffiku kif ukoll għal ġbir ta' skart imħallat u skart organiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

**64/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**64/03/01** Is-Sindku spjega li l-Awtorità tal-Ippjanar obbligat lill-kuntrattur is-Sur Thomas Azzopardi jagħti 150 siġra taż-żebbuġ. Is-Sur Azzopardi xtaq jagħtihom lil Kunsill Lokali tagħna. Kien hemm qbil unanimu li naċċettaw dawn is-siġar li ser jitħawlu fis-Searchlight Battery u fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**64/03/02** Is-Sindku qal li wara l-laqgħa għandu jiġi Dr Ian Stafrace sabiex jispjega fid-dettal fiex tikkonsisti l-*Planning Application* PA/01840/18.

**64/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**64/04/01** Ma kienx hemm.

**64/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**64/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 16 ta' Jannar 2019).

**64/05/02** Ġiet innutata korrispondenza minn TM rigward talba għal *Reserved Parking Bay* ħdejn Perl Crt' fi Triq Caravaggio.

**64/05/03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Ivan Pierre Vella minn TM – Bus Bays fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu.

**64/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority. Notification of withdrawal of application* PA/05637/16 [*Construction of old people's home, swimming pool and ancillary facilities.* Site at, Tal-Balal, Naxxar].

**64/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority. Notification of Decision Notice* PA/04246/18 [*To sanction driveway and pathways constructed prior 1978, swimming pool constructed prior 1983, construction of stores and landscaping as existing.* St. Paul's Garden, Triq is-Sebħ c/w Triq Santa Katarina, Għargħur].

**64/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 23 ta' Jannar 2019).

**64/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Natalino Attard – Komunikat DĠ/K/02/2019 – Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali. Is-SE ħa tistaqsi lid-Dipartiment jekk jistax joqgħod is-Sindku.

**64/05/08** Il-Kunsill irċieva stima mis-Sur Francis Mercieca – *St. Bartholomew street footway to repair.* Il-Kunsill innota l-ammont ta' sq.m qiegħed ħażin u li jrid ikun 7sq.m.

**64/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 30 ta' Jannar 2019).

**64/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Adrian Mifsud – Ċirkulari Numru 3/2019 – Proċedura għall-għażla ta' skema awtorizzata tal-ġbir ta' skart riċiklat.

**64/05/11** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Ċir AKL 2019/012 – Ħatra ta' DPO Temporanju.

**64/05/12** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Mireille Portelli – Ċirkulari Numru 1, 2019 – Inizjattiva ta' Għajnuna għall-Korsijiet Life Long Learning 2019/2020.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**64/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Mireille Portelli – Ċirkulari Numru 2, 2019 – Kors it-Tqassim tal-Ħin u l-Flus għall-Ġid ta' Saħħtek.

**64/05/14** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Mireille Portelli – Ċirkulari Numru 3, 2019 – Fond għaż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

**64/05/15** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit David Vassallo (minn Infrastructure Malta) – Tabelli fi Triq Katerina Sammut.

**64/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 6 ta' Frar 2019). Ġie deċiż li l-Kunsill joġġezzjona għall-applikazzjonijiet PA/00788/19 [*To sanction existing stables and reservoir as built and to propose an additional two stables, manure clamp and paddock.* Site at (Land), Triq John Adye, Naxxar c/w off Triq Għaxqet l-Għajn] u PA/00851/19 [*To construct underground reservoir, full basement tool room and ground floor agricultural store including formation of ramps between different levels of property and maintenance of rubble walls.* Site at, Tax-Xiħ, Għargħur] minħabba li dawn qegħdin proposti ODZ.

**64/05/17** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Ċir AKL 2019/014 – Laqgħat mal-Kunsilli Lokali rigward l-andament tal-ġbir ta' skart organiku.

**64/05/18** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 13 ta' Frar 2019).

**64/05/19** Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Projects Implementation Directorate għal irranġar ta' ħajt fi Triq l-Indipendenza total €316.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**64/05/20** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand it-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fuq PA/10151/17 [*To demolish existing disused farm and related rural rooms and propose farmhouse.* 2, Wied Anġlu, Triq Għaxqet l-Għajn c/w Triq Monsinjur Luigi Catania, Għargħur].

**64/05/21** Talba għal *u-bar/bollard* quddiem il-bieb tad-dar numru 15 fi Triq Monsinjur Luigi Catania. Kien hemm qbil li ssir *site-visit.*

**64/05/22** Talba għal *culvert* fi Sqaq numru 1 fi Triq Monsinjur Luigi Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax hemmhekk ma jżommx ilma.

**64/05/23** Talba sabiex issir grada fi Sqaq numru 1 fi Triq Monsinjur Luigi Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**64/05/24** Talba biex tgħola triq ħdejn id-dar numru 128 fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu li ssir.

**64/05/25** Talba biex issir tabella li turi li ma jistgħux jgħaddu *coaches* minn Vjal ir-Repubblika għall-Pjazza. Il-Kunsill qal li diġà hemm tabella.

**64/05/26** Talba għal *zebra crossing* ħdejn l-*ironmongery* fi Triq Stiefnu Zerafa k/m Vjal ir-Repubblika. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax diġà hemm *zebra crossing* fi Triq Stiefnu Zerafa.

**64/05/27** Suġġeriment li jsir *residential parking* bil-ħin għar-residenti. Din l-iktar tgħodd għal tmiem il-ġimgħa. Suġġeriment ieħor rigward *parking* biex forsi ssir sistema ta' kiri ta' *parking bays* għar-residenti li tkun bil-ħlas u li jieħu l-flus il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill spjega li dawn l-iskemi huma mwaqqfa.

**64/05/28** Talba għal mera faċċata tal-garaxx Prima Luce fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**64/05/29** Talba biex id-*double yellow line* ta' Triq E. Perren jitwal b'metru. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**64/05/30** Is-Sur Mario Gauci ssuġġerixxa li ssir mera fit-Triq San Ġwann qrib tal-Każin tal-Football għal min ikun tiela' minn Triq San Bartilmew. Kien hemm qbil unanimu.

**64/05/31** Is-Sur Mario Gauci ressaq li terġa' teħel it-tabella *no-entry* ħdejn il-Każin tal-Banda fit-Triq l-Oratorju. Kien hemm qbil unanimu.

**64/05/32** Is-Sindku ressaq li l-fanal dekorattiv li jinsab fil-Pjazza k/m Triq l-Oratorju għandu bozza maqtugħa. Is-SE ħa tinforma lill-kuntrattur.

**64/05/33** Is-Sur Mark Azzopardi qal li hemm ħafna ħmieġ fi Triq Fidiel Zarb. Barra minn hekk, qal ukoll li meta l-kuntratturi li jiġbru l-iskart iwaqgħu xi ħaġa mal-art, dawn ma jiġbruhomx. Is-SE ħa tinforma lill-kuntratturi.

**64/05/34** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li l-Kunsill jagħti 2 jardi konkos għal Sqaq tal-Ferħa. Kien hemm qbil unanimu.

**64/05/35** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li nixtru 3 tabelli (A5) *Open Library*/Librerija Miftuħa. Kien hemm qbil li jinxtraw.

**64/05/36** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li nixtru 10 tabelli żgħar *Please do not pick the flowers.* Kien hemm qbil li jinxtraw.

**64/05/37** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li tabella ta' *Do Not Obstruct* li saret fi Sqaq il-Ħofra tinqala' u tiġi ftit iktar 'il ġewwa.

**64/05/38** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li titbaxxa l-bankina ta' quddiem iċ-ċimiterju. Kien hemm qbil li nagħmlu kuntatt mal-Kappillan.

**64/05/39** Is-Sur Mario Gauci ressaq li jibda l-proċess biex issir it-triq bejn il-*bollards* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Kien hemm qbil unanimu.

**64/05/40** Is-Sur Mario Gauci ressaq li Triq Mons Luigi Catania Triq *one-way* mis-6:00am-8:00am *School Days Only.* Kien hemm qbil li niktbu lil TM biex naraw jekk din tistax isir.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**64/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**64/06/01** Ma kienx hemm.

**64/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**64/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li l-pagament bin-numru 37 lir-Road Servicing Ltd ma joħroġx qabel ma SE tikkonferma li r-rati huma skont it-tender, il-bqija l-pagamenti kollha ġew approvati.

**64/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**64/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2019 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**